# Evalwazzjoni tal-ġbid u l-imbuttar ibbażata fuq l-indikaturi importanti Verżjoni Settembru 2002

L-attività kollha trid tinqasam f'attivitajiet individwali. Kull attività individwali li tinvolvi tensjoni fiżika kbira trid tkun evalwata separatament.

Post tax-Xogħol/Attività:

## *L-1el pass: Determinazzjoni tal-punti tar-rata tal-ħin* *(Agħżel kolonna waħda biss!)*

| **Ġbid u mbuttar fuq distanzi qosra jew waqfien frekwenti (distanzi waħidhom sa 5 metri)** | | **Ġbid u mbuttar fuq distanzi itwal (distanzi waħidhom ta' iktar minn 5 metri)** | |
|---|---|---|---|
| *Numru fil-jum tax-xogħol* | **Punti tar-rata tal-ħin** | *Distanza totali fil-jum tax-xogħol* | **Punti tar-rata tal-ħin** |
| < 10 | 1 | < 300 m | 1 |
| 10 sa < 40 | 2 | 300 m sa < 1km | 2 |
| 40 sa < 200 | 4 | 1 km sa < 4 km | 4 |
| 200 sa < 500 | 6 | 4 sa < 8 km | 6 |
| 500 sa < 1000 | 8 | 8 sa < 16 km | 8 |
| ≥ 1000 | 10 | ≥ 16 km | 10 |
| *Eżempji: operazzjoni ta' manipulators, issettjar tal-magni, distribuzzjoni ta' l-ikel fl-isptar* | | *Eżempji: ġbir ta' skart, trasport ta' l-għamara f'bini fuq ir-rollers, il-ħatt u transloading ta' kontejners* | |

## *It-2ni pass: Determinazzjoni tal-punti tar-rata tal-piż, il-preċiżjoni ta' l-ippożizzjonar, il-veloċità, il-qagħda u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.*

| **Il-piż li jrid jitħarrek (piż tat-tagħbija)** **tirrollja** | **trakk industrijali, għajnuna** | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Mingħajr trakk industrijali jew għajnuna, it-tagħbija tkun irrolljata  | Karretta  | *Carriage*, *roller*, *trolleys* **mingħajr** *rollers* fissi (*steerable rollers* biss)  | *Rail cars*, karrettun ta' l-idejn, *roller tables*, *carriages* **b'***rollers* fissi  | *Manipulators, rope balancers*  |
| < 50 kg | 0.5 | 0.5 | 0.5 | 0.5 | 0.5 |
| 50 sa < 100 kg | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 100 sa < 200 kg | 1.5 | 2 | 2 | 1.5 | 2 |
| 200 sa < 300 kg | 2 | 4 | 3 | 2 | 4 |
| 300 sa < 400 kg | 3 | | 4 | 3 | |
| 400 sa < 600 kg | 4 | | 5 | 4 | |
| 600 sa <1000 kg | 5 | | | 5 | |
| ≥ 1000 kg | | | | | |

| **tisslajdja** |  |
|---|---|
| < 10 kg | 1 |
| 10 sa < 25 kg | 2 |
| 25 sa < 50 kg | 4 |
| > 50 kg | |

**Żoni griżi:**
Kritiċi minħabba li l-iċċekkjar fuq il-moviment tat-trakk industrijali/tagħbija tiddependi ħafna fuq il-ħila u s-saħħa fiżika.

**Żoni bojod mingħajr numru:**
Bażikament dawn iridu jiġu evitati minħabba li l-forzi ta' l-azzjoni meħtieġa jistgħu faċilment jaqbżu l-forzi fiżiċi massimi.

| **Preċiżjoni ta' l-ippożizzjonar** | **Veloċità tal-moviment** | |
|---|---|---|
| | bil-mod (< 0.8 m/s) | bl-għaġla (0.8 sa 1.3 m/s) |
| Baxxa<br>- l-ebda distanza ta' l-ivvjaġġjar speċifika<br>- it-tagħbija tista tirrollja sakemm tieqaf jew tieqaf meta taħbat ma' stop | 1 | 2 |
| Għolja<br>- it-tagħbija trid tkun impoġġija u mwaqqfa b'mod preċiż<br>- id-distanza ta' l-ivvjaġġjar trid tkun obduta b'mod preċiż<br>- tibdil frekwenti tad-direzzjoni | 2 | 4 |

Nota: il-veloċità tal-mixi hi ta' madwar 1 m/s

B'mod ġenerali, is-sistema muskoloskeletrika kollha hi suġġetta għat-tensjoni meta tkun qed tiġbed u timbotta, iżda b'mod partikulari fiż-żona ta' l-id/driegħ/spalla. Jiddependi fuq l-applikazzjonijiet speċifiċi ta-forza u l-qagħdiet, madankollu, hu possibbli wkoll li s-sinsla tad-dahar, il-ġenbejn u l-ġogi ta' l-irkoppa ser ikunu taħt tensjoni severa. Minħabba li l-forzi fiżiċi huma ħafna iktar baxxi u iktar varjati milli meta terfa' u ġġorr, hu diffiċli biex tivverifika ħsara kronika mit-tagħbija żejda. Hu tipiku, fejn jidħol il-ġbid u l-imbuttar, li jkun hemm riskju lis-sistema muskoloskeletrika minn tagħbijiet żejda għal għarrieda li jirriżultaw minn impatt, meta tiżloq jew forzi mhux mistennija jew kbar ma' bidla fid-direzzjoni jew meta tieqaf.

| Qagħda [1] | | |
|---|---|---|
|  | Il-ġisem dritt, mhux mgħawweġ | 1 |
| | Il-ġisem immejjel ftit 'il quddiem jew mgħawweġ ftit (ġbid lejn naħa waħda) | 2 |
| | Il-ġisem inklinat fil-baxx fid-direzzjoni tal-moviment<br>Pożizzjoni qawqbijiet, tinżel għarkupptejk, liwi | 4 |
| | Kumbinazzjoni ta' tgħawwiġ u liwi | 8 |

1) Trid tintuża l-qagħda tipika. L-ikbar inklinazzjoni tal-ġisem li hi possibbli meta tistartja, tibbrejka jew tagħmel *shunting*, tista' tiġi injorata jekk isseħħ biss xi kultant.

| Kundizzjonijiet tax-xogħol | |
|---|---|
| **Tajbin:** → l-art jew uċuħ oħrajn watja, lixxi, xotti → l-ebda inklinazzjoni → l-ebda ostakli fuq il-post tax-xogħol → rollers jew roti jimxu faċilment, l-ebda kedd bl-użu fil-berings tar-roti | 0 |
| **Ristretti**: → l-art maħmuġa, xi ftit mhix watja, ratba → inklinazzjoni ħafifa sa 2° → ostakli fuq il-post tax-xogħol li jridu jintgħelbu → *rollers* jew roti maħmuġin, ma jimxux faċilment, il-berings mittiekla. | 2 |
| **Diffiċli:** → art mhux iċċangata jew iċċangata b'mod goff, bil-ħofor, fiha ħafna ħmieġ → inklinazzjonijiet ta' 2 sa 5° → trakkijiet industrijali jkollhom jinġibdu biex jinqalgħu meta jiġu startjati → *rollers* jew roti maħmuġin, il-berings iduru bil-mod | 4 |
| **Kumplikati:** → għetiebi, turġien → inklinazzjonijiet ta' 5° → kumbinazzjonijiet ta' indikaturi minn "ristretti" sa "diffiċli" | 8 |

Indikaturi li mhumiex imsemmija fit-tabella jridu jiġu inklużi kif suppost.

## It-3$^{et}$ pass: Evalwazzjoni

Il-punti tar-rata rilevanti għal din l-attività għandhom jiddaħħlu u jiġu kkalkulati fid-dijagramma.

Piż/trakk industrijali

\+ Preċiżjoni ta' l-Ippożizzjonar veloċità tal-moviment

\+ Il-punti tar-rata tal-qagħda

\+ Il-punti tar-rata tal-kundizzjonijiet tax-xogħol

għal ħaddiema nisa:

= Total x Punti tar-rata tal-ħin x 1.3 = Punteġġ tar-riskju

Fuq il-bażi tal-punti tar-rata kkalkulati u t-tabella t'hawn taħt, hu possibbli li tagħmel evalwazzjoni approssimattiva.

| Medda tar-riskju [2] | Punteġġ tar-riskju | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 1 | < 10 | Sitwazzjoni ta' tagħbija baxxa, tagħbija fiżika żejda x'aktarx li mhux ser isseħħ. |
| 2 | 10 sa < 25 | Sitwazzjoni ta' tagħbija miżjuda, tagħbija fiżika żejda hi possibbli għal persuni li mhumiex daqshekk elastiċi[3]. Għal dak il-grupp, l-iddisinjar mill-ġdid tal-post tax-xogħol ikun utli. |
| 3 | 25 sa < 50 | Sitwazzjoni ta' tagħbija li tiżdied bil-kbir, tagħbija fiżika żejda hi possibbli wkoll għall-persuni li huma flessibbli b'mod normali. L-iddisinjar mill-ġdid tal-post tax-xogħol hu rakkomandat. |
| 4 | ≥ 50 | Sitwazzjoni ta' tagħbija għolja, tagħbija fiżika żejda x'aktarx li ser isseħħ. L-iddisinjar mill-ġdid tal-post tax-xogħol hu meħtieġ. |

2) Il-konfini bejn il-meded tar-riskju huma fluwidi minħabba t-tekniċi individwali tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni. Għalhekk, il-klassifikazzjoni tista' titqies biss bħala **għajnuna għall-orjentazzjoni**. Bażikament, irid ikun issoponut li hekk kif in-numru tal-punteġġi tar-riskju jiżdied, hekk ukoll jiżdied ir-riskju ta' tagħbija żejda fuq is-sistema muskoloskeletrika.
3) Persuni li ma tantx huma elastiċi f'dan il-kuntest huma persuni li għandhom iktar minn 40 sena jew inqas minn 21 sena, ħaddiema ġodda fuq ix-xogħol jew persuni li jbatu minn xi mard.

*Ippubblikat minn: Federal Institute for Occupational Safety and Health and Committee of the Laender for Occupational Safety and Health*
*(Bundesanstalt für Arbeitsschutz und Arbeitsmedizin, Postfach 17 02 02, D - 44061 Dortmund and Länderausschuss für Arbeitsschutz und Sicherheitstechnik (LASI), Franz-Josef-Roeder-Str. 23, D - 66119 Saarbrücken)*